C/2025/311

15.1.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11861 – TOWERBROOK / JC FLOWERS / RAILSR / EQUALS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/311)

1. Fit-3 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— J.C. Flowers & Co. LLC ("J.C. Flowers", l-Istati Uniti),

— TowerBrook Capital Partners (U.K.) LLP ("TowerBrook", ir-Renju Unit u l-Istati Uniti),

— Embedded Finance Limited ("Railsr", l-Istati Uniti),

— Equals Group Plc ("Equals", l-Istati Uniti).

TowerBrook u J.C. Flowers se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Railsr u Equals kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— J.C. Flowers hija kumpanija ta' investiment privat iffukata fuq l-investiment fis-servizzi finanzjarji,

— TowerBrook hija kumpanija ta' ġestjoni tal-investimenti privati, li tinvesti f'diversi setturi inklużi n-negozji tal-konsumatur, tal-finanzi, tal-kura tas-saħħa, tas-settur industrijali, tat-teknoloġija, tal-media u tas-servizzi,

— Railsr toffri pjattaforma ta' finanzjament integrat, li tippermetti l-integrazzjoni tas-servizzi finanzjarji fil-prodotti jew is-servizzi tal-kumpaniji, kif ukoll prodotti u servizzi tal-kards integrati,

— Equals tiżviluppa u tbigħ pjattaformi skalabbli li jippermettu lin-negozji jimmaniġġjaw il-flussi tal-flus permezz tal-prodotti ta' pagament u tal-kards tagħha.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11861 – TOWERBROOK / JC FLOWERS / RAILSR / EQUALS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË